VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,981, 20 ta' April, 2018
Taqsima B

A.L. 130 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Technical Design and Technology – B.Sc. (Hons) TDT – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Technical Design and Technology – B.Sc. (Hons) TDT – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Technical Design and Technology – B.Sc. (Hons) TDT – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 297 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikollhom dawn ir-rekwiżiti speċjali li ġejjin:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) għaddew fil-Livell Avvanzat bi grad Ċ jew aħjar fi kwalunkwe suġġett; jew

(b) (i) għaddew f'ħames suġġetti bi grad 5 jew aħjar fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja, inkluż fl-Ilsien Ingliż u fil-Malti, flimkien mal-Advanced Technicians Diploma tas-City and Guilds of London Institute, jew l-MCAST-BTEC Higher National Diploma fl-Electrical Engineering Livell 5, jew l-MCAST-BTEC Higher National Diploma fl-Electronic Engineering Livell 5, jew l-MCAST-BTEC Higher National Diploma fil-Mechanical Engineering Livell 5, jew kwalifika kkunsidrata bħala ekwivalenti mill-Bord tad-Dħul tal-Università fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord; jew

(ii) għaddew f'ħames suġġetti bi grad 5 jew aħjar fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja, inkluż fl-Ilsien Ingliż u fil-Malti, flimkien ma' Advanced Diploma tal-MCAST Livell 4 mogħtija minn wieħed minn dawn l-Istituti li ġejjin: (a) l-Istitut tal-Inġinerija u t-Trasport, (b) l-Istitut tal-Arti Kreattiva, (ċ) l-Istitut tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, (d) l-Istitut tax-Xjenzi Applikati; u

(ċ) ċertifikat li juri li għaddew fil-European Computer Driving Licence (ECDL)Standard Certificate, jew l-ekwivalenti."

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

4. L-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mil-ġdid bħala l-paragrafu (1) tal-ordinament 4.

5. Il-paragrafu (2) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali:

"(2) L-applikanti li għandhom Livell Avvanzat bi grad D fi kwalunkwe suġġett kif speċifikat fis-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 3 jistgħu jidħlu fil-Kors taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord jista' jimponi. Jekk, sal-aħħar tal-ewwel sena, dawn l-istudenti ma jtemmux b'suċċess ir-rekwiżiti kollha biex jitilgħu regolarment għat-tieni sena tal-Kors, huma jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors, u ma jkunux la intitolati li jirrepetu s-sena u lanqas li jitilgħu kondizzjonalment kif normalment permess skont ir-Regolamenti Prinċipali."